MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 6/1999/3

**Gorg Vella bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Vella, Grazia mart Louis Mizzi, Joseph, Maria xebba, Josephine mart Joseph Sultana, Rita, xebba, ahwa VELLA; Silvia mart Gorg u Rita mart Evarist ahwa VELLA; Maria Antonia mart Martin Spiteri, Luigi, Gorg, Agostino u Grace ahwa GRIMA; Celest, Francesca mart Louis Galea, u Carmela mart Carmelo Abela ahwa GRECH; Saverio, Antonietta mart Joseph Cini,Pawlu, Luigi, Mary mart George Attard, Carmela mart Joseph Galea ahwa DIMECH; Celest, Giuseppa mart Franceso Buttigieg, Carmela mart Frenc Buhagiar, Luigia mart Joseph Bonello, Maria mart Gio Maria Stellini, Georgia mart Carmelo Sultana ahwa CORDINA**

**vs**

**Reverendu Charles Cini**

**Il-Qorti;**

Dan hu provvediment limitat ghall-pregudizzjali sollevata mill-appellati fir-risposta taghhom ghar-rikors ta’ appell presentat mir-Reverendu Charles Cini fl-14 ta’ Mejju, 2003.
Permezz ta’ l-imsemmi rikors l-appellant qed jappella minn sentenza in parte moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-24 ta’ April, 2003. B’din is-sentenza dik il-Qorti ddisponiet mit-tieni u mit-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-imsemmi appellant fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu (quddiem l-ewwel Qorti) tat-13 ta’ April, 1992 (fol. 20 tal-process).

L-atturi appellati, fir-risposta taghhom tat-23 ta’ Mejju, 2003 ghar-rikors ta’ appell gibdu preliminarjament l-attenzjoni ta’ din il-Qorti ghall-fatt li “r-rikors ta’ l-appell gie pprezentat minghajr id-debita awtorizzazzjoni kif preskritt bl-Artikolu 231 tal-Kap. 112 [**recte:** 12] hu ghalhekk huwa irritu u null”.

Fl-udjenza tat-2 ta’ Frar, 2004 din il-Qorti stiednet lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar din il-pregudizzjali. L-appellant, permezz tad-difensur tieghu, baqa’ jinsisti li f’dan il-kaz ma kienx mehtieg il-permess ta’ l-ewwel Qorti sabiex jigi intavolat l-appell odjern, u dan peress li – dejjem skond l-imsemmi difensur – tali peremess hu mehtieg biss meta jkun hemm “diversi kwistjonijiet” li jinqatghu “b’sentenzi separati”, mentri hawn ghandna diversi kwistjonijiet (it-tieni u t-tielet eccezzjoni) li nqatghu b’sentenza wahda, dik appellata.

Dan l-argument huwa wiehed altament fieragh. L-Artkolu 231(1) kif inhu llum – jigifieri wara s-sostituzzjoni effetwata bl-Artikolu 114 tal-Att XXIV ta’ l-1995 – biddel kompletament il-posizzjoni minn kif kienet qabel dan l-*emending Act*. L-Artikolu 231(1) qabel l-Att XXVI ta’ l-1995

kien jipprovdi espressament li meta diversi kwistjonijiet f'kawza jigu maqtugha b'sentenzi separati seta' jsir appell minn kull wahda minnhom jew wara li tinghata l-ahhar sentenza ("basta li f'dan l-appell issir tismija espressa tas-sentenza li minnha jsir l-appell") jew minn kull wahda minn dawk is-sentenzi separatament. Il-legislatur, bl-iskop evidenti li kawza kemm jista' jkun ma ssirx bis-sulluzzu, u anke biex jigi evitat dilungar ghal ta' l-apposta minn min ikollu interess li jtawwal il-proceduri, ipprovda fl-Artkolu 231(1) il-gdid li r-regola ghandha tkun li meta diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati l-appell minn kull wahda minn dawn is-sentenzi ghandha ssir wara li tkun inghatat l-ahhar sentenza; izda imbghad ipprovda ghall-eccezzjoni hekk:

***Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftugh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza.***

Hu evidenti li r-referenza ghal "sentenzi separati" (fil-plural) fl-Artkolu 231(1) sia kif inhu llum u sia kif kien qabel l-Att XXIV/1995 hija refenza ghal kwalsiasi sentenza preliminari jew in parte li tipprecedi l-ahhar wahda, u mhux ghal zewg sentenzi jew aktar (fl-istess kawza) li jinghataw fl-istess gurnata, kif donnu qed jippretendi l-appellant[1]. In fatti, ga precedentement f'din il-kawza, meta l-appellant odjern ried jappella mis-sentenza in parte ta' l-ewwel Qorti tas-16 ta' Frar, 2001 huwa, korrettement, talab il-permess tal-Qorti biex jappella minnha (ara l-verbal ta' l-udjenza quddiem l-ewwel Qorti tas-16 ta' Frar, 2001, fol. 40), u dik il-Qorti akkordatlu dak il-permess. Izda fil-kaz tas-sentenza in parte ta' l-24 ta' April, 2003 kjarament ma ntalab ebda permess mill-ewwel Qorti, la f'dik l-udjenza

[1] Ara, a propositu ta' l-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 u tad-data li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta' l-appell fil-kaz ta' sentenza in parte, is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2003 fl-ismijiet ***Markiza Cremona Barbaro of St. George noe. v. Joseph u Cecilia konjugi Vella Galea***.

tal-24 ta’ April, 2003 u anqas b’xi rikors pprezentat fi zmien sitt ijiem.

Ghalhekk ir-rikors ta’ appell odjern huwa irritu u null.

Konsegwentement din il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-atturi appellati, tiddikjara l-appell interpost bir-rikors tal-14 ta’ Mejju, 2003 irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. U peress li dana l-appell huwa wiehed proceduralment fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellati l-ispejjez ta’ dan l-incident ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------